MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 113/2014

**Mary Anne Bugeja**
**(ID 346141M)**

**vs**

**Roderick Bezzina**
**(ID 201774M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ippresentat minn Joyce Bezzina, xebba Borg, mart Roderick Bezzina fl-4 ta' April 2014, fejn talbet, inter alia, illi l-mandat ta' Qbid Ezekuttiv fuq riferut jigi imhassa, revokat u annullat fejn dana jolqot oggetti illi huma propjeta' taghha u mhux tad-debitur ezekutat.

Rat ir-risposta ta' Mary Anne Bugeja ippresentat fit 2 ta' Mejju 2014.

Rat illi fit 2 ta' Mejju 2014, wara illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-avukat taghha ma dehrux, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat illi fil 5 ta' Mejju 2014, wara talba tar-rikorrenti, il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u differiet il-kawza ghall-provi kollha.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti Joyce Bezzina u r-ragel taghha Roderick Bezzina, moghtija fid 9 ta’ Mejju 2014.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw, u wara illi l-abbli difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kaz, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Peress illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta illi r-rikorrenti Joyce Bezzina kienet inghatat il-fond ossija dar matrimonjali taghha u tar-ragel taghha, Roderick Bezzina, fl-indirizz 139, “Adrian’s Court”, Flat 1, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq, b’donazzjoni mill-genituri taghha fl 4 ta’ Novembru 2004.

Peress illi jirrizulta li f’Jannar 2009, ir-rikorrenti inghatat facilita’ bankarja sabiex tarreda u tlesti l-post taghha u jirrizulta minn dokumentazzjoni illi esebit illi, fix-xhur ta’ wara, hija lestiet u arredat il-post kollu permezz ta’ tali loan.

Peress illi jirrizulta illi r-rikorrenti zzewget mar-ragel taghha, Roderick Bezzina, fit 28 ta’ Novembru 2009, u l-affarjiet kollha fil-fond fuq imsemmi kienu lkoll inxtraw qabel iz-zwieg.

Peress illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll Roderick Bezzina lkoll ikkonfermaw illi wara z-zwieg huma ma xtraw xejn flimkien.

Peress illi jirrizula ammess minn Roderick Bezzina illi huwa ghandu jaghti l-flus lill Mary Anne Bugeja, liema Roderick Bezzina sahaq illi l-oggetti li hemm fid-dar huma kollha tal-mara tieghu, Joyce Bezzina.

Peress illi ghalhekk jirrizulta ben ippruvat illi l-oggetti illi jistghu jig maqbuda gewwa l-fond 139, “Adrian’s Court”, Flat 1, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq huma kollha propjeta parafernali ta’ Joyce Bezzina

Tilqa’ t-talba maghmulha u dana billi thassar tirrevoka u tannulla l-Mandat ta’ Qbid nru 1070/13 fejn dana kien ser jigi ezegwit gewwa l-fond 139, “Adrian’s Court”, Flat 1, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------